



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13646/20

AGRI 458
AGRIFIN 125
FIN 919

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12907/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfitx it-tnaqqis"
- *konklużjonijiet tal-Kunsill*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfitx it-tnaqqis", kif adottati permezz ta' proċedura bil-miktub fit-3 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat:

"Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfix it-tnaqqis"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 13/2020 tal-Qorti intitolat *"Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfix it-tnaqqis"*, li jivvaluta jekk il-Politika Agrikola Komuni (PAK) għenitx biex tinżamm u tissaħħa il-bijodiversità agrikola;
- (2) JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti relatati ma': il-koordinazzjoni u t-tfassil tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità wara l-2020, inkluż it-traċċar tan-nefqa; il-kontribut tal-pagamenti diretti għall-bijodiversità agrikola; il-kontribut tal-iżvilupp rurali għall-bijodiversità agrikola; u l-indikaturi biex jiġi vvalutat l-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità agrikola;
- (3) IFAKKAR li l-PAK 2014-2020 tipprovdi firxa ta' strumenti li jistgħu jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-bijodiversità u JISSOTTOLINJA li l-proposti attwali għar-riforma tal-PAK jinkludu aktar miżuri b'impatt ta' benefiċċju għall-bijodiversità, inkluż kondizzjonalità msaħħa, servizzi ta' konsulenza, ekoskemi (fil-Pilastru I) u miżuri ta' żvilupp rurali (fil-Pilastru II);

- (4) IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "*Il-bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti*"¹ u JFAKKAR li l-proposti leġislattivi tal-PAK ta' wara l-2020 bħalissa qed jiġu nnegożjati mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew; JAFFERMA f'dan il-kuntest li l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti kif ukoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali tal-Qorti ser jitqiesu fid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill.²
-

¹ Dok. 12210/2020.

² l-Artikolu 7(5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill: "*Fejn ikunu preżentati proposti jew inizzjattivi legali lill-Kunsill, huwa għandu joqgħod lura milli jadotta atti li mhumix previsti mit-Trattati, bħal riżoluzzjonijiet, konklużjonijiet jew dikjarazzjonijiet barra minn dawk meħmużin mal-adozzjoni tal-att u li huma maħsuba sabiex jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill.*"